VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,394, 17 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 87 tal-2015

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TAL-ARTIJIET (KAP. 296)

Regoli tal-2015 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2015 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar il-Preżentazzjoni ta' Pjanti għal skop ta' Reġistrazzjoni ta' Artijiet, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regoli". L.S. 296.08

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2015.

Temenda r-regola 3 tar-Regoli.

2. Is-subregola (3) tar-regola 3 tar-Regoli għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "bi hlas ta' €2.33" għandhom jidħlu l-kliem "bi hlas ta' €2.60"; u

(b) minnufih wara l-kliem "fil-ħinijiet tal-ftuħ tar-Reġistru tal-Artijiet." għandhom jiżdiedu l-kliem "Il-pjanti msemmija fis-subregola (1) jistgħu jiġu ordnati mis-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Artijiet bi ħlas ta' €2.50 kull pjanta.".